## EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-QORTI ĠENERALI

IL-QORTI ĠENERALI,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 254 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkunsidrat li r-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) [1] qiegħed jibdel l-isem tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u li għaldaqstant ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jiġu emendati sabiex tiġi introdotta r-referenza għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea,

Bil-kunsens tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-6 ta' Lulju 2016,

TADOTTA L-EMENDA SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1(2)(g) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali [2], ir-referenza għall-"Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)" hija ssostitwita bir-referenza għall-"Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea".

*Artikolu 2*

Din l-emenda għar-Regoli tal-Proċedura, li hija awtentika fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 44 tal-imsemmija Regoli, għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Lulju 2016.

| | |
|---|---|
| *Ir-Reġistratur* | *Il-President* |
| E. COULON | M. JAEGER |

(1) ĠU L 341, 24.12.2015, p. 21.
(2) Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ĠU L 105, 23.4.2015, p. 1).